ĦAŻ-ŻABBAR
Citta` Hompesch

28 FEB 2024

# MINUTI

## Laqgħa b'urġenza tal-Kunsill Lokali Ħaż-Żabbar

## IT-TMINN LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru 594**

**Il-Erbgħa 21 ta' Frar 2024**

Il-Kunsill Lokali Ħaż-Żabbar iltaqa' b'mod virtwali permezz ta' *Microsoft Teams*, fid-8.40 ta' filgħodu.

**PREŻENTI:**

Jorge Grech – Sindku
Mark Grech – Kunsillier
Joseph Buttigieg – Kunsillier
Angelo Scicluna – Kunsillier
Joseph Vella – Kunsillier
Anna Calleja - Kunsilliera
Joseph Agius - Kunsillier
Patrick Barbara - Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI**

Bernice Farrugia - Viċi Sindku
Ghislaine Bongailas Zahra - Kunsilliera
Angel Gwyn Louisielle Camilleri - Kunsilliera

**ASSENTI**

Ma kien hemm ħadd assenti

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Stephanie Testaferrata de Noto – Segretarju Eżekuttiv

**MINUTI**

Is-Sindku ppresieda l-laqgħa.

## 594.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

594.1.1 Inqrat ittra ta' apoloġija mibgħuta mill-Viċi Sindku, mis-Sinjura Ghislaine Bongailas Zahra u mis-Sinjorina Angel Gwyn Louisielle Camilleri fejn talbu li jkunu skużati milli jattendi għal-laqgħa tal-Kunsill. Fuq proposta tas-Sinjura Anna Calleja li ġiet issekondata mill-Kaptan Patrick Barbara, il-Kunsill qabel unanimament li l-Viċi Sindku, is-Sinjorina Angel Gwyn Louisielle Camilleri u s-Sinjura Ghislaine Bongailas Zahra jkunu skużati.

## 594.2 Applikazzjoni PA/00216/24 – Triq Papa Piju XII k/m Triq iċ-Ċimiterju

Is-Sindku qal illi kien sejjaħ din il-laqgħa b'urġenza biex tiġi diskussa l-applikazzjoni PA/00216/24 – Triq Papa Piju XII k/m Triq iċ-Ċimiterju. Is-Sindku spjega li kien hemm applikazzjoni sabiex jiġi estiż iċ-ċimiterju ta' Ħaż-Żabbar. Is-Sindku qal illi din ma kinitx l-istess applikazzjoni li għaliha il-Kunsill kien oġġezzjona fil-passat. Is-Sindku qal li l-applikazzjoni proposta kienet tikkonsisti fi tħaffir ta' żewġ sulari u kostruzzjoni ta' ċentru ta' akkwamazzjoni u faċilitajiet taċ-ċimiterju. Dan il-proġett jikkonsisti f'parkeġġ taħt l-art, faċilitajiet t'akkwamazzjoni, kmamar mortwarja, bini ta' kolumbarju u sala ċerimonjali. Is-Sindku żied jgħid li huwa kien irċieva petizzjoni mingħand ir-residenti dwar din l-applikazzjoni. Il-petizzjoni kienet tinkludi diversi kwistjonijiet potenzjali fosthom ir-riskju ta' invażjoni ta' ġrieden, tniġġis u emissjonijiet li jistgħu jaffettwaw lir-residenti. Barra minn hekk, kien hemm preokkupazzjonijiet msemmija dwar irwejjaħ mhux pjaċevoli qalb ir-residenti, storju tal-magni u l-użu tal-kolumbarju, ħsara fil-bini tal-madwar taċ-ċimiterju, tnaqqis ta' parkeġġ u kunflitt ta' funerali f'diversi ħinijiet. Is-Sinjura Anna Calleja qalet li din l-applikazzjoni kienet għall-akkwamazzjoni u mhux għal krematorju. Is-Sindku qal illi din il-binja ġdida ma kinitx tikkumplimenta mal-kappella eżistenti. Barra minn hekk, il-Kunsill m' għandux informazzjoni dwar kif jaħdmu faċilitajiet t'akkwamazzjoni, l-iżvilupp kien privat u mhux tal-knisja u li l-iżviluppatur ma kienx ikkonsulta mal-Kunsill dwar dan il-proġett . Is-Sinjura Anna Calleja qalet li fl-Amerika hemm faċilitajiet t'akkwamazzjoni u staqsiet jekk dawn il-faċilitajiet humiex legali f'Malta. Is-Sindku qal li huwa ma kienx kontra il-faċilitajiet t'akkwamazzjoni iżda ma kienx jaqbel mal-post propost. Dan l-iżvilupp propost kien ser iżid il-fluss tat-traffiku. Is-Sinjura Anna Calleja staqsiet jekk dan il-proġett hux aċċettat mill-knisja kattolika peress illi kien biswit iċ-ċimiterju. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-Kunsill m'għandux tali nformazzjoni. Is-Sindku qal illi l-knisja kattolika taċċetta kremazzjoni iżda titlob li l-fdalijiet umani jkunu midfuna. Is-Sinjura Anna Calleja qalet li l-oġġezzjoni tal-Kunsill trid tkun fuq ħafna livelli differenti. Is-Sur Joseph Buttigieg qal illi l-Kunsill għandu jressaq il-vuċi tar-residenti u joġġezzjona għal dan l-iżvilupp. Il-Kaptan Patrick Barbara qal illi dan l-iżvilupp kien ser joħloq inkonvenjent għar-residenti. Is-Sur Joseph Agius qal li l-Kunsill għandu jisma' lir-residenti. Is-Sindku qal li dan iċ-ċentru ta' akkwamazzjoni kien ser ikun l-ewwel wieħed f'Malta, u għal din ir-raġuni, żgur li ser iżid il-fluss tat-traffiku. Is-Sur Mark Grech qal illi l-oġġezzjoni tal-Kunsill għandha tkun biss ibbażata fuq l-iżvilupp u l-implikazzjonijiet li ser iġib miegħu dan il-proġett, aktar milli jidħol fi kwistjonijiet mhux relatati mal-iżvilupp, bħal twemmin reliġjuż jew

kunsiderazzjonijiet periferali oħra. Is-Sur Mark Grech enfasizza l-importanza li wieħed jiffoka fuq fatturi rilevanti li jolqtu direttament is-sit ta' kostruzzjoni propost u lir-residenti tal-lokalità. Is-Sur Mark Grech żied jgħid li l-Kunsill qiegħed hemm biex jirrappreżenta lir-residenti u għall-interess tal-lokalità. Is-Sindku qal illi għada kien ser isejjaħ laqgħa speċifikament mar-residenti ta' din iż-żona sabiex jagħtihom aġġornament dwar l-eżitu tal-laqgħa tal-llum. Is-Sur Joseph Vella qal illi l-Kunsill fl-oġġezzjoni tiegħu għandu jagħmilha ċara li l-Kunsill kien qed joġġezzjona biss fl-interess tal-lokalità u mhux kontra l-*policy* tal-pajjiż jew kontra il-proċess ta' kremazzjoni. Dan peress li għad m'hemmx direzzjonijiet ċari ta' kif għandhom isiru l-krematorji. Barra minnhekk maġenb l-iżvilupp propost hemm bini residenzjali u jista' jkun ta' detriment għar-residenti. Is-Sur Joseph Vella staqsa jekk l-oġġezzjoni li ser tiġi ppreżentata lill-Awtorità tal-Ippjanar hiex ser terġa' tiġi diskussa qabel ma tiġi sottomessa. Is-Sur Angelo Scicluna talab li din l-oġġezzjoni għandha terġa tiġi approvata fil-laqgħa tal-Kunsill. Is-Sindku qal li m'hemmx għalfejn terġa ssir laqgħa oħra peress illi l-oġġezzjoni ser tiġi sottomessa abbażi ta' dak li ser jiġi deċiż matul il-laqgħa tal-Kunsill illum. Fuq proposta tal-Kaptan Patrick Barbara li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li jissottometti oġġezzjoni għall-iżvilupp propost f'applikazzjoni PA/00216/24 – Triq Papa Piju XII k/m Triq iċ-Ċimiterju u li din l-oġġezzjoni għandha tkun biss abbażi tal-interess tar-residenti taż-żona u mhux kontra l-*policy* nazzjonali dwar id-dħul tal-kremazzjoni f'Malta.

594.2.1 Il-laqgħa spiċċat fid-9.15 ta' filgħodu.

IFFIRMATA

Stephanie Testaferrata de Noto
Segretarju Eżekuttiv

Dawn il-minuti ġew approvati fil-595 laqgħa li saret nhar it-Tlieta 27 ta' Frar, 2024.

IFFIRMATA

Jorge Grech
Sindku